

Talbiet tar-rikorrenti

- Tiddikjara l-illegalità tal-punt 4 tat-Titolu III tal-avviż tal-kompetizzjoni EPSO/COM/INT/OLAF/09, inkwantu jipprojbixxi li tittieħed inkunsiderazzjoni esperjenza ta' livell universitarju miksuba qabel il-lawrja;
- tannulla d-deċiżjonijiet li jirrifjutaw l-applikazzjonijiet tar-rikorrenti għall-kompetizzjoni EPSO/COM/INT/OLAF/09;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2010 — Schuerewegen vs Il-Parlament**(Kawża F-125/10)**

(2011/C 30/135)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Daniel Schuerewegen (Mariantal, il-Lussemburgu)
(rappreżentanti: P. Nelissen Grade u G. Leblanc, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li permezz tagħha r-rikorrent tkeċċa mill-post tax-xogħol tiegħu u li permezz tagħha l-pass tax-xogħol tiegħu ġie revokat kif ukoll il-miżuri meħuda sussegwentement għal din id-deċiżjoni u t-talba għal danni.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-30 ta' Awwissu 2010 li ħadhet l-ilment tar-rikorrent;
- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-25 ta' Marzu 2010 li permezz tagħha r-rikorrent tkeċċa bl-użu tal-forza, mingħajr ġustifikazzjoni u notifika bil-miktub jew verbali u mingħajr avviż bil-quddiem, u li permezz tagħha l-pass tax-xogħol tiegħu ġie revokat, kif ukoll il-miżuri meħuda sussegwentement għal din id-deċiżjoni;
- jindika lill-konvenut l-effetti tal-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati u b'mod partikolari l-kumpens għad-danni sostnuti mir-rikorrent;

- jikkundanna lill-konvenut għar-rimbors tal-ispejjeż mediċi kollha li jirriżultaw mill-problemi tas-saħħa tar-rikorrent wara dawn l-avvenimenti;
- jikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi kull ġurnata ta' leave annwali li r-rikorrent ħa wara l-25 ta' Marzu 2010, flimkien ma' kull ġurnata ta' leave għal mard;
- jikkundanna lill-konvenut jibgħat lir-rikorrent apoloġija pubblika u bil-miktub sabiex kulħadd ikun jaf li huwa ma wettaq l-ebda żball;
- jikkundanna lill-konvenut jiżgura li r-rikorrent sussegwentement ma jġarrab l-ebda trattament jew miżura ta' natura vessatorja jew diskriminatorja minħabba l-att ikkontestat li jikkawża preġudizzju;
- jikkundanna lill-konvenut jiżgura li l-ebda traċċa tal-att li jikkawża preġudizzju, tal-motivazzjonijiet tiegħu jew tal-konsegwenzi tiegħu ma jibqa' fil-fajl individwali tar-rikorrent;
- jikkundanna lill-konvenut isib mill-ewwel u malajr post għar-rikorrent li jkun biżżejjed 'il bogħod mill-post tax-xogħol attwali sabiex ikun jista' jerġa' jibda jaħdem f'kundizzjonijiet umaniament aċċettabbli;
- jikkundanna lill-konvenut jiżgura li l-persuni li pparteċipaw, biex ikkonċepew, b'mod attiv jew indirettament, fl-att li jikkawża preġudizzju jkunu s-suġġett ta' twissija u/jew sanzjonijiet adegwati;
- jikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrent l-ammont ta' EUR 10 000 għad-danni morali kif ukoll l-ammont provviżorju ta' EUR 5 000 għad-danni materjali, bħal ħsara għal żieda;
- jikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-28 ta' Settembru 2010**De Roos-Le Large vs Il-Kummissjoni****(Kawżi F-39/10 u F-39/10 R)**

(2011/C 30/136)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea ordna t-tħassir tal-kawża.